MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 214/2009

**Mario Micallef**

**vs**

**Maria Luiza Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat li permezz tieghu r-rikorrenti Micallef sejjah lill-intimata Cutajar quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef, mija u tmienja u hamsin Ewro u erbghin centezmu, (€6,158.40), jew somma

ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta’ hames mija u tnejn u tmenin Ewro (€582.00), arretrati ta’ kera relattivi ghall-fond lilha mikri mill-attur Plot 4, Aprilia, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara;  in kwantu ghas-somma ta’ erbat elef, mitejn u sitta u ghoxrin Ewro u erbghin centezmu, (€4,226.40), hlas dovut ghall-konsum u renta tas-servizzi tad-dawl u ilma relattivi ghall-istess fond ghall-perjodu li dan il-fond kien lilha mikri u minnha okkupat;  in kwantu ghas-somma ta’ tlett mija u hamsin ewro, (€350.00), rapprezentanti l-valur ta’ *washing machine* propjeta tar-rikorrenti li hija hadet minn gol-imsemmi fond lilha minnhu mikri; u in kwantu ghas-somma ta’ elf Ewro, (€1,000.00), rapprezentanti danni minnha kagjonati fl-imsemmi fond matul il-perjodu tal-okkupazzjoni taghha;

2. Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju Numru 1751/2009 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju Numru 1750/2009 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimata minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata d-9 ta’ Lulju tas-sena  tas-sena 2010, li permezz taghha il-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu ttransigew il-vertenza bil-modalitajiet hemm indikati;

Illi nonostante l-istess transazzjoni l-intimata Cutajar naqset li tottempera ruha mal-imsemmija modalitajiet u konsegwentement sabet ruhha f’ morozita`;

Ikkunsidrat:

Illi skont l-istess transazzjoni l-intimata Cutajar ammettiet is-segwenti:

1. Illi l-ammont komplessiv minnha dovut lir-rikorrent kien jilhaq l-ammont ta’ hamest elef, erba’ mija u sitta u disghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€5,496.55);

2. Illi l-ammont gia` minnha versat fir-registru setghu jigu irtirati mir-rikorrenti Micallef;

3. Illi d-differenza kellha tithallas minnha lilhu fl-ammont ta' mitt Ewro, (€100.00), mensili;

4. Illi kellha tghamel tajjeb ghall-ispejjez processwali;

5. Illi r-rikorrenti Micallef kellu ghalhekk jintavola d-dovuti kontro-mandati involuti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-intimata effettwat l-ewwel pagament rateali, ma baqghetx konsistenti f' dan ir-rigward u waqghet f' morozita`;

Illi l-ammont dovut mill-intimata sallum jammonta ghall-tlett elef, erba` mija u dsatax –il Ewro u zewg centezmi, (€3,419.02);

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti:

1. Tiddikkjara li l-intimata Cutajar ghandha taghti lir-rikorrenti Micallef l-ammont ta' tlett elef, erba` mija u dsatax –il Ewro u zewg centezmi, (€3,419.02);

2. Tikkundanna lill-imsemmija intimata sabiex thallas lir-rikorrenti fuq indikat l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra l-intimata Cutajar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------